# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 190 :: MARZU 2012

**Editur: Paul Vella**


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Minħabba l-Festa tad-Duluri il-laqgħa li tmiss se tkun ir-raba' **Ġimgħa** tax-xahar, jiġifieri nhar il-**Ġimgħa, 23 ta' Marzu, 2012** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Il-miżata għadha $10.

## "BELOVED CONVICT" – *ktieb ġdid ta' Lou Drofenik*

Fil-laqgħa ta' Jannar kien hemm ħafna li attendew u qraw xi xogħol tagħhom jew ta' kittieba oħra, fosthom Joe Camilleri, Maria Catania, Dr Lou Drofenik, Michael Xuereb, Dr Victor Sammut u Joe Bonett. Fl-istess lejla, Dr Lou Drofenik ġiet mistiedna biex tkellimna fuq il-ktieb ġdid tagħha, *Beloved Convict*, li ġie mniedi f'laqgħa tal-Għaqda Storika Maltija, it-Tnejn, 21 ta' Frar mill-Prof. Maurice Cauchi. Hija qaltilna li l-istorja titratta fuq żagħżugħ li fl-1920 kien ġie kkundannat għal mewt talli kien għerreq vapur tiegħu, imma s-sentenza inbidlet u minflok ġie mibgħut l-Awstralja. Hija qalet li dan ir-rumanz huwa storja vera mħallta ma xi ftit immaġinazzjoni.



Parti minn dawk li attendew għal-laqgħa

***Jikteb il-Kavallier Joe M. Attard, mir-Rabat, Għawdex:***

## ANTON BUTTIĠIEĠ — il-Poeta tan-Natura — Mitt Sena minn Twelidu

Il-Poeta Anton Buttiġieġ twieled il-Qala Għawdex fid-19 ta' Frar tas-sena 1912 u miet fil-15 ta' Mejju tas-sena 1983. Huwa rċieva l-ewwel tagħlim tiegħu fl-iskola primarja tal-Gvern u wara fis-Seminarju t'Għawdex. Wara hawnhekk huwa kompla l-istudji tiegħu fil-kulleġġ ta' San Alwiġi. Fl-Universita` Rjali ta' Malta, Anton Buttiġieġ kiseb il-B.A. fl-1934, u sitt snin wara, sewwa sew fis-sena 1940 huwa kiseb il-lawrja ta' Avukat. Iżda Buttiġieġ ma waqafx hawn imma baqa' miexi 'l quddiem fl-istudji tiegħu u rebaħ għadd ta' scholarships f'Universitajiet barra mix-xtut tagħna fejn kompla jikseb tagħlim kbir.

Fi żmien it-tieni gwerra, jiġifieri bejn is-snin 1939 –1945, Anton Buttiġieġ insibuh iwettaq servizzi fil-Korp tal-Pulizija fil-Fergħa tal-Kontroll tal-ikel. Wara li spiċċat il-gwerra, huwa serva bħala Relatur tar-rapporti legali tat-Times of Malta. Ftit taż-żmien wara, Anton Buttiġieġ inxteħet għall-Politika fi ħdan il-Partit Laburista. Il-kitba iżda minn dejjem kienet għal qalbu; kien għalhekk li fl-1959, insibuh jokkupa l-kariga ta' Editur tal-ġurnal Voice of Malta. Għamel żmien Ministru tal-Ġustizzja u Deputat Kap tal-Partit Laburista.

Is-sehem tal-Poeta Anton Buittiġieġ fil-qasam Letterarju Malti ma hux wieħed żgħir. Huwa kien l-ewwel Segretarju tax-Xirka tat-Tixrid tal-Ilsien Malti. Kien wieħed mill-ewwel imseħbin tal-Għaqda tal-Malti msejħa "Universita`" kif ukoll membru attiv tar-"Royal University of Malta Literary Society". Kiteb bosta poeżiji fl-Organu tal-Għaqda 'Il-Malti' u f''Leħen il-Malti'.

Anton Buttiġieġ huwa poeta ta' stil sempliċi u ta' immaġinazzjoni qawwija. Il-poeżiji tiegħu dehru f'bosta rivisti u ġurnali. Fis-sena 1945 huwa ħareġ għad-dawl ktieb bil-poeżiji jismu "Mill-Gallerija ta' Żgħożiti", u erba' snin wara, fl-1949, ippubblika ktieb ieħor tal-poeżiji bil-Malti li jġib l-isem ta' "Fanali bil-Lejl". Anton Buttiġieġ huwa wkoll il-kittieb ta' "Ejjew Nidħku ftit", ktieb ta' epigrammi. Hawnhekk Buttiġieġ juri ħila u teknika kbira u l-kelma ma joqgħodx jomgħodha. Araw x'jidhrilkom minn dan l-epigramm:

*X'qal Monsinjur Saydon*

**Il-qassisin bejniethom qatt ma qablu**
**fil-għomor tagħhom minn bdew jeżistu**
**ħlief darba biss: meta huma xlew u qatlu**
**lill-Iben t'Alla: Sidna Gesu' Kristu!**

***(ikompli fuq wara)***

***Nixtiequ naraw aktar membri jissieħbu magħna. Jekk kull membru jħajjar lil xi ħadd tal-familja jew xi ħbieb li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija, b'hekk inkabbru n-numru tal-membri tal-Grupp tagħna.***

Anton Buttiġieġ kompla jippubblika iktar kotba ta' poeżiji u xi żmien wara ħareġ għad-dawl ktieb ieħor bil-poeżiji jismu "Qasba mar-Riħ" u ieħor "Il-Muża bil-Kimono". Ċert li ħafna mill-qarrejja li għandhom għal qalbhom il-Letteratura Maltija fuq l-ixkafef tagħhom jgħożżu wkoll il-ktieb tal-poeżiji li Buttiġieġ kien ħareġ f'għeluq is-sittin sena tiegħu, "L-Għanja tas-Sittin" mitbugħ mill-Klabb Kotba Maltin li stampalu wkoll il-ktieb "Il-Poeżiji Miġbura" kif ukoll it-tliet volumi "Mill-Album ta' Ħajti".

Bla dubju il-Poeżija hija tabilħaqq is-sejħa ta' Anton Buttiġieġ. Kerha kemm hi kerha l-ħajja, iebsa kemm hi iebsa triq ir-riġlejn għajjiena, għal Buttiġieġ hemm dejjem ħajja oħra u toroq oħra, id-dinja tal-immaġinazzjoni, li għalih hija l-Maqdes tal-Muża tiegħu, il-Maqdes tal-Għanja tan-Natura, mibdula u msebbħa bid-dawl ta' immaġinazzjoni mill-ogħla. Mhux ta' b'xejn lil Anton Buttiġieġ insibuh bħala l-Poeta Romantiku, il-Poeta tan-Natura. Għal kull min isib il-ħajja iebsa, Buttiġieġ huwa l-Imgħallem li għandu f'idejh il-muftieħ tal-Palazz tal-ħolm. Ma' kull pass, l-immaġinazzjoni tinsiġlek tapit taħt riġlejk u mal-ħitan, tperriċlek l-arazzi u fuq rasek tibnilek koppla ta' ħdura. Din hija l-ħajja romantika ta' Anton Buttiġieġ . Il-ħlejjaq sbieħ li Buttiġieġ iżomm madwaru huma l-ħlejjaq tal-art; is-siġar u l-bhejjem. Xhieda ta' dan kollu huma xi ftit mis-suġġetti tal-poeżija tiegħu, bħal ngħidu aħna: Ranċis, Iċ-Ċentifolju, L-Ajkla, Iċ-Ċerv, Il-Ħażna tal-Peprin, Ir-Riħ, Il-Bnazzi, u bosta oħrajn. Is-safar ukoll nebbaħ lill-poeta tagħna f'uħud mill-isbaħ poeżiji tiegħu. "Il-Għanja taċ-Ċaċlieq" hija sinfonija mill-aqwa ta' dal-poeta Għawdxi bħalna. Kienet għajn f''Palazzo Pitti' ħdejn ix-xmara Arno ġo Firenze, li wasslet lill-poeta biex jinseġ versi hekk sbieħ.

Jekk inħallu n-Natura, insibu li l-Poeta ma jifridx il-Poeżija mill-Ħajja u lanqas il-Ħajja mill-Poeżija. Il-Poeta stess jgħidilna: "Jiena għint lili nnifsi ngħix il-ħajja u rrid ngħin lilkom ukoll billi nkebbsilkom ftit tad-dawl minn fuq il-muntanja tal-Muża. Mhux hekk forsi jagħmel 'Majsi' li ta' kull fil-għaxija jdawwal it-treqat mudlama! Majsi u l-Poeżija jagħmlu l-istess xogħol. Dan huwa l-ħsieb li l-Poeta jfissru tant tajjeb f'waħda mill-aqwa poeżiji tiegħu "Il-Kebbies tal-Fanali".

Anton Buttiġieġ huwa espert ukoll f'xorta oħra ta' kitba. Qiegħed nirreferi hawnhekk għal 'Ballata' -- poeżija twila li tirrakkonta xi ġrajja. Mill-pinna tiegħu kienu ħarġu żewġ ballati sbieħ bil-Malti, waħda dwar l-Assedju l-Kbir u l-oħra dwar l-Assedju t'Għawdex.

Minn dan kollu naraw li l-Muża, li l-Poeżija ta' Anton Buttiġieġ hija festa ta' Nirien, dawk in-nirien ta' ġiġġifogu nhar il-lejl ta' festa fl-irħula tagħna meta s-sema Malti jiżgħed b'sufarelli u murtali tal-ftuħ, is-seba' kuluri tal-qawsalla – ta' ġawhar jaħraq – fantasija ta' nirien. Il-poeżija tal-Poeta Għawdxi Anton Buttiġieġ, magħruf f'raħlu bħala Toni tal-Baħri, li min jaf kemm terraq ħafi jew bis-sandli mill-Qala għas-Seminarju fir-Rabat (Victoria), hija wkoll fantasija ta' nirien fil-Letteratura Maltija.

Xtaqt issa naqsam magħkom il-poeżija, li għadni naftakarha bl-amment u li min jaf kemm fissirtha lill-istudenti tas-sekondarja meta kont għadni għalliem, "Il-Kebbies tal-Fanali", poeżija tant sabiħa ***(fuq il-lemin)***.

Xtaqt nersaq lejn tmiem dan il-profil dwar dan il-Poeta Għawdxi billi nislet poeżija oħra li huwa kiteb ta' Għawdxi li hu, li jaf it-tbatija li l-Għawdxin iġarrbu ġejjin u sejrin lejn Malta b'mod speċjali l-bdiewa li jbakkru biex jieħdu l-prodott tagħhom lejn il-gżira oħtna. Apprezzaw ftit is-sengħa u l-ħila tal-poeta fil-poeżija tiegħu "Id-Dgħajjes tal-Latini" li llum sfortunatament qed jgħibu minn fostna jekk mhux diġa` sparixxew.

# Il-Kebbies tal-Fanali

Kull fl-għaxija
Kif mal-għabex
Tnin u tmut saħħet il-jum,
Jiġi Majsi bis-sellum,
U jixgħelli taħt it-tieqa
Fanal ċkejken
Li tal-lejl itaffi d-dieqa.

Saħħti wkoll
Qed inħossha tmut kuljum;
Iżda msejkna l-Poeżija
Kull fl-għaxija,
Dlonk tixxabbat mas-sellum,
U ġo qalbi
Tixgħel naqra ta' fanal
Illi jtaffi ftit tad-dieqa sa ma jmut ta' ħajti l-fdal.

Alla ħares ma kienx Majsi
Illi jagħmel ftit tad-dija;
U ma' Majsi -- Alla ħares –
Ma kenitx il-Poeżija.

O dgħajjes tal-Latini, kif il-għodwa
Tiftaħ tal-kampanella warda warda
Fuq ħajt il-ġnien b'idha tad-dawl u tqassat
Ta' ġmiel rużarju,

Minn ġewwa d-daħla tal-Imġarr kennija
Kontu toħorġu waħda wara l-oħra,
Bl-agħjat tal-bdot u tal-baħrin żagħżugħa
Mal-arbli mxabbta,

Jifthu għar-riħ tal-Majjistral mill-poppa
Tirkett fuq l-arblu ta' quddiem, majjistra
Wara, wil-qlugħ iż-żgħir tal-pallakkun
Barra mill-pruwa,

W erħilkom tiġġerrew għal ħdejn Kemmuna,
Bil-pika ma' xulxin min jasal l-ewwel
Il-Port il-Kbir; u hemmhekk tħottu l-għelejjel
Tal-art Għawdxija.

O Dgħajjes tal-Latini, darba għal dejjem
Għebtu minn Għawdex, sew bħal qatgħa gawwi
Li taru 'l bogħod 'il bogħod f'ibħra xemxija
U nsew il-bejta.

Li darba bejtu fl-għerien tal-Fliegu
U fuq ġwenħajkom bojod is-sbuħija,
Tad-daħla tal-Imġarr ħelwa Sultana,
Taret għal dejjem.

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
BANK OF VALLETTA p.l.c.
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
16 Watt Street, Sunshine 3020
Telephone: 9311-3222